# Kwadru tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju



*Mario Fenech*

Fil-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu fir-raħal tal-Għarb Għawdex, niltaqgħu ma' kwadru sabiħ ferm li fih naraw il-Preżentazzjoni taċ-ċkejkna Marija fit-Tempju.

Dan il-kwadru huwa xogħol tal-artist Anton Caruana li għex bejn is-sena 1905 u s-sena 1986. Kien mill-Belt Valletta u tħarreġ fil-qasam tal-Arti għand l-artist Robert Caruana Dingli u aktar tard permezz ta' Borża ta' Studju fiċ-"*Chelsea School of Arts*". Kien ukoll għalliem tad-disinn fl-iskejjel tal-Gvern f'Malta.



Fost ix-xogħlijiet tiegħu hemm il-kwadru titulari tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja ta' Fleur De Lys f'Birkirkara u l-kwadru tal-altar ta' Sant'Antnin fil-Knisja Parrokkjali tal-Gżira.

F'dan ix-xogħol tal-knisja ta' Pinu l-artist Caruana jippreżenta lill-Madonna fiċ-ċentru tax-xena b'libsa bajdanija, turija tas-safa u b'faxx ikħal mal-qadd filwaqt li qiegħda tielgħa żewġ tarġiet quddiem il-Qassis il-Kbir bilqiegħda fuq tron b'idejh miftuħin qiegħed jilqa' lill-Marija fi ħdanu.

Naraw ukoll lil Sant'Anna u San Ġwakkin jassistu għal dak li qiegħed isir b'ħarsa ta' serenità u qdusija fuq wiċċhom. L-artist hawnhekk ġabar din ix-xena ta' Glorja fil-ħitan iddekorati tat-tempju bis-sema b'kulur ikħal ċar fil-fond tal-kwadru.

Biex dan ix-xogħol ikun jikkumplimenta mal-istil tal-Knisja l-artist ħoloq forma ta' trittiku bil-pinzell tiegħu filwaqt li l-figuri tal-Madonna, Sant'Anna u San Ġwakkin ippreżentahom b'diademi ta' kulur dehbieni ma' rashom.

Il-kuluri wżati f'dan ix-xogħol huma ta' skala ċara filwaqt li l-uniku kulur kemmxejn skur huwa dak li l-artist uża għall-ilbies tal-Qassis il-Kbir.

Kwadru sabiħ fejn il-figura ta' Marija Bambina toħloq attenzjoni u sens ta' Qdusija liema bħalha.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE



Ġo Ġo
MINI MARKET

Opening hours:
Mon – Tues 07.00 – 18.00
Wed 07.00 – 13.00
Thurs - Fri 07.00 – 18.00
Sat 07.00 – 14.00
Sun Closed

**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445

**Free Deliveries**